**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Jannar, 2016**

Talba Numru: 1648/2010JB

Kawza Numru: 44

**Golden Harvest Mfg. Co. Ltd. (C176)**

***vs***

**David Farrugia**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar l-10 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu s-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett elef euro (€3,000) rapprezentanti prezz ta' hobz u oggetti ohra ta' l-ikel li l-Konvenut naqas li jghaddi lis-Socjeta' Attrici u dan wara li ppremettiet:

1. Illi l-konvenut hu debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef euro (€3,000.00), bilanc fuq somma akbar, rapprezentanti prezz ta' hobz u oggetti ohra ta' ikel li GS Supermarket irritorna lis-socjeta' attrici tramite l-konvenut, izda li l-istess konvenut naqas li jghaddihom lil dik is-socjeta' attrici;

2. Illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat permezz ta' ittra tal-15 ta' April, 2010, dan baqa' inadempjenti.

Talbet ukoll l-ispejjez ta' din il-procedura, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 15 ta' April 2010, u l-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tas-7 ta' Dicembru 2010;

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat, ipprezenta risposta fis-7 ta' Dicembru 2010 li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

1. Preliminarjament, illi l-konvenut eccipjenti mhuwiex legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-flus dovuti lis-socjeta' attrici ghandhom jithallsu mill-GS Supermarket u mhux mill-konvenut;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' l-provi;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-odjerna kawza, s-Socjeta Attrici qed titlob li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €3,000 rapprezentanti prezz ta' hobz u oggetti ohra ta' l-ikel li l-Konvenut naqas li jghaddi lis-Socjeta' Attrici, bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv. Il-Konvenut min-naha tieghu qieghed jghid li huwa mhuwiex legittimu kuntradittur u li fi kwalunkwe kaz it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Illi t-Tribunal ihoss li jkun qieghed jonqos jekk qabel xejn ma jirrimarkax li huwa deplorevoli li kawza bhal din kellha tiddilunga ghal hames snin. Minn ezami tal-process jidher bic-car li l-partijiet u d-difensuri taghhom jahtu mhux ftit ghal dan id-dewmien. Certament li agir u dewmien bhal dan ma jaghmilx gid aktar u aktar meta tqis li l-ftit provi li hemm fil-process setghu facilment jitressqu f'tebqa' t'ghajn. Hija hasra li agir bhal dan jitfa' dell ikrah fuq il-process ta' amministrazzjoni tal-gustizzja u jtellef il-fiducja li l-pubbliku ghandu jkollu fis-sistema gudizzjarja. Wiehed jittama li dawn ir-rimarki jqanqlu lil dawk involuti sabiex jekk jergghu jintrigaw ghal xoghol quddiem dan it-Tribunal, jimxu b'mod differenti;

Ikkunsidra;

Illi mill-provi prodotti irrizulta dan li gej:

Mark Aquilina xehed (a fol 10) li hu direttur tas-Socjeta Attrici, li taghha l-Konvenut kien *sales representative*. Fil-fatt, il-Konvenut kien impjegat fuq bazi *full-time* u kien ukoll jikkunsinna l-prodotti lill-klijenti tas-Socjeta Attrici. Kien jikkunsinna ghand il-GS Supermarket kuljum barra nhar ta' Hadd. Huwa spjega li l-Konvenut kien jikkunsinna l-hobz, ihejji *delivery note* li tigi ffirmata mill-klijent biex imbaghad fl-ahhar tax-xahar is-Socjeta Attrici kienet tiffattura lill-klijent. Jghid li kien gie infurmat minn wiehed mid-diretturi tal-GS Supermarket li kien irriskontra xi diskrepanzi fix-xoghol. Dan id-direttur qallu wkoll li kellu xi CCTV *footage* li juri dan. Jghid li hu qaghad fuq il-kelma ta' dan it-terz. Aquilina xehed li huwa ma kellux mezz biex jivverifika x-xoghol li jidhol u johrog u li l-Konvenut kellu x'jaqsam ma' aktar klijenti. Il-procedura kienet li ta' kuljum tinhareg fattura fuq isem id-*deliveryman* responsabbli u imbaghad isiru d-*delivery notes*. Aquilina xehed li hu ma jistax jghid kif wasal ghac-cifra ta' €3,000 ghax dan kien ghamlu l-klijent meta ghamel ir-rapport lis-Socjeta Attrici. Hu jghid li l-klijent ma riedx jerga' jara lill-Konvenut gewwa l-bini tieghu u ghalhekk is-Socjeta Attrici bdiet tibghat rapprezentant iehor. Da parti tieghu, il-klijent qata' s-somma ta' €3,000 mill-kont tas-Socjeta Attrici. In kontro-ezami, Aquilina jghid li mghandux prova li dak li allega d-direttur tal-GS Supermarket fil-fatt

wettqu l-Konvenut u kkonferma li qaghad fuq li kien qallu l-klijent. Stqarr li l-GS Supermarket huma klijenti tajbin ghas-Socjeta Attrici u sejjhilhom "*very regular payers.*" Mistoqsi jekk kienx il-kaz li lill-Konvenut allegatament qabduh jisraq ammont f'gurnata u mmultiplikaw l-ammont ghal sena, ix-xhud ikkonferma li milli seta' jifhem, il-klijent ghamel dawn il-kalkoli. Jghid li l-*footage* qatt ma rah. Jghid li l-obbligu tieghu hu li jmewwet l-affarijiet u ma jhassarx kummerc. Jghid li ma hax azzjoni kontra l-Konvenut ghaliex mghandux provi. Jghid li d-decizjoni li jittiehdu passi kontra l-Konvenut ghal dan l-ammont ma kienetx tieghu imma ta' direttur iehor li hi responsabbli mill-affarijiet legali fil-kumpannija, Nicholette Aquilina. Jghid li meta saret il-kawza ma setax jghid l-ammont ezatt x'kien;

Sussegwentement, Aquilina ipprezenta l-prospett (a fol 39) li jirrelata ghat-transazzjonijiet li jirrigwardaw lil GS Supermarket;

Raymond Mintoff xehed (a fol 29) li hu direttur tal-GS Supermarket tan-Naxxar. Jghid li huma jixtru l-hobz minghand diversi furnara, inkluz minghand is-Socjeta Attrici. Jghid li sa mill-ewwel gurnata li hu ra lill-Konvenut, ma fdahx. Jghid li huma minn dejjem kellhom il-problemi mas-*salesmen* tas-Socjeta Attrici u ghalhekk qallu li kien se joqghodlu attent. Jghid li ghandu filmat (a fol 37) minn fejn jirrizulta l-Konvenut qieghed idahhal il-hobz u imbaghad jerga' johorgu fl-istess hin. Jghid li l-Konvenut ma kienx ikun irid jikkunsinna fil-ghodu u ghalhekk kien intlahaq ftehim li l-kunsinni jsiru mal-lejl. Jghid li Farrugia kien imur gewwa s-*supermarket* u minflok ihalli l-kaxxi, jistiva l-hobz fl-ixkafef biex imbaghad meta jigu biex jghoddu, jghoddu kemm ix-xoghol gdid kif ukoll dak qadim. Fuq l-ixkafef kien izid ix-xoghol gdid ma' dak tal-granet ta' qabel u jerga' jnizzel kollox. Jghid li huwa impossibbli ghas-*supermarket* li joqghod jivverifika kull fornitur kif ukoll lill-klijenti li xi drabi jisirqu. Jghid li meta jkollu suspetti, jaghmel l-indagni tieghu. Jghid li meta beda jiccekkja sab "*mhux mijiet imma eluf ta' hobz nieqes*". Iccekkja wkoll jekk kienx hemm xi problema bis-sistema adoperata mis-*supermarket* u wara li pparaguna ma' *suppliers* ohra sab li l-problema kienet bil-hobz li kien iwassal il-Konvenut. Jghid li baghat ghall-Konvenut u kellmu u dan talbu jghidlu kemm kienet id-diskrepanza biex ikun jista' jew ihallsu jew inaqqashom mill-kont. Jghid li meta qallu x'kienet id-diskrepanza "*kien ha xokk, ghax lanqas induna kemm kien qed inehhi prodotti, kien accetta ghax kieku ma accettax jien kont indahhal il-Pulizija... pero' imbaghad kien gergirli fuq l-ammont ghax deherlu li kien wisq.*" Jghid li hu wasal ghas-somma pretiza billi mexa fuq ir-*records* u qata' l-flus mill-kont tas-Socjeta Attrici. Jghid li kien informa lid-direttur tas-Socjeta Attrici u accetta li l-ammont jitnaqqas mill-kont gjaladarba l-Konvenut kien accetta d-diskrepanza;

Meta xehed in kontro-ezami (a fol 60), Mintoff stqarr li kien dam nofs siegha jispjega lill-Konvenut quddiem Mark Aquilina dwar is-sistema. Jghid li s-sistema kienet naqra ta' anomalija peress li s-Socjeta Attrici kienet thaddem is-*salespersons* taghha bhala *freelancers* li jigru fis-suq bl-*invoices* tal-Golden Harvest. Hu qatt ma qabel ma' din is-sistema ghaliex imbaghad inqalghu dawn il-problemi. Jghid li ma kienetx l-ewwel darba li qabad nies jaghmlu dawn it-tip ta' affarijiet, u jghid li hemm kawzi ohra simili. Jghid li hu ceda li l-Konvenut imur mal-lejl u dan ghaliex il-Konvenut kien jghid li ma jistax ilahhaq jigi fil-hin li jifthu huma. Jghid li bil-lejl ma kienx ihalli hlief lill-haddiema tieghu jidhlu fis-*supermarket*. Jghid li l-filmati li pprezenta huma ta' gimgha biss; imma jzid li l-Konvenut kien "*qed jaghmel dan ghal snin – pattern shiha ta' tliet snin".* Ix-xhud baqa' jinsisti li l-Konvenut kien qed ihallat il-hobz l-antik mal-hobz ricenti u jistivahom hu fuq l-ixkaffi. Mistoqsi dwar x'intqal lilu mill-impjegati tieghu, Mintoff jghid li ma jistax jikkonferma x'qalulu l-impjegati tieghu. Mintoff zied jghid li biex ma jdahhalx lill-Pulizija il-Konvenut ftiehem mieghu li ser jaqtaghlu somma mill-kont. Jghid li l-Konvenut qallu biex ma jdahhalx lis-Socjeta Attrici u jispjega "at that point *nghid illi kellna* a three part agreement *fejn*

*bazikament jiena kelli ammont dovut lill-Golden Harvest, dak jinqata' u David ihallas lill-Golden Harvest it-tlitt elef li kelli naghti jiena, u dak kien il-ftehim. Nghid illi l-ftehim kien bejn - mhux bejni u bejn Mark Aquilina biss, kien involut ukoll David. Jiena ma stajtx nidhol fi ftehim biss ma' Mark Aquilina u dan ma ghamiltux. Fil-fatt irrid inzid illi jiena meta rajt din il-kawza - infethet din il-kawza hadt qata' ghax ghalija li s-sitwazzjoni kienet trangat meta tkellimna ahna t-tlieta. Iva nikkonferma illi wara dan l-incident David baqa' sena u nofs jaghtini l-hobz. Jiena nghid ghaliex il-Golden Harvest dawn in-nies jinsisti li jipprotegihom lil dawn in-nies. Jiena fil-fatt dan huwa l-problema li ghandi mal-Golden Harvest. Jiena fil-fatt ma' Golden Harvest minhabba l-fatt li dejjem jipprotegu lil dawn in-nies u jkomplu b'din is-sitwazzjoni dahhal lil Mark Aquilina f' sitwazzjoni fejn jaghmel garanzija personali* a voce *li jekk qatt terga' tigri hu jaghmel tajjeb ghalihom*". Jghid li din kienet somma li waslu ghaliha bi ftehim, u imbaghad kienu kkomunikaw mas-Sur Aquilina biex isir it-trasferiment tal-flus. Mistoqsi jekk il-laqgha mal-Konvenut damitx nofs siegha u meta dan staqsih "*ghidli x' hemm nieqes*" u semmielu c-cifra ta' €3,000, il-Konvenut wiegbu billi qallu "*forget it*", ix-xhud jghid li dan m'huwiex minnu ghax kieku wiegbu hekk kien izommu hemm u jsejjah lill-Pulizija.

Il-Konvenut xehed (a fol 88) li l-procedura tax-xoghol tieghu kienet li jigbor il-hobz mill-fabbrika tas-Socjeta Attrici imbaghad kien imur idur iqassam il-hobz. Fil-kaz tal-GS Supermarket tan-Naxxar jghid li kien hemm arrangament fejn kienu jidhlu kmieni (ghall-habta tal-4.30am) u jispjega hekk "*konna niltaqghu ahna u kumpanija ohra. Konna nidhlu minn bieb zghir minn naha tal*-antenna *tal-Gharghur imbaghad indahhlu l-hobz taghna hemmhekk. Peress li dan kien* supermarket, *il-hobz ma konniex indahhluh bil-bicca imma konna ndahhluh bil-kaxxa. Kont inkun naf minn lejliet ghax kienu jcempluli s*-salespersons *tal-GS u kienu javzawni ezattament x'jonqos u x'se jigi* returned *imbaghad filghodu jien kont niehu l-hobz u ndahhlu hemmhekk, u kont naghmel* invoice, *kont nikteb fil-ktieb apposta li kont inzomm mieghi jien, u kont naghmel* invoice *tax-xoghol li kont hallejt.*" Jghid li kuntrarjament ghal dak li xehed Mintoff, hu qatt ma ppustja hobz gewwa s-*supermarket*; il-hobz kien iwasslu sal-bieb u jitlaq. Jghid li Mintoff kien jibghat ghalih diversi drabi fis-sens li anke jekk ikun ser jigi introdott xi prodott gdid mis-Socjeta Attrici, hu kien ihallih gewwa s-*supermarket* imbaghad kien jibghat ghalih halli jiddiskutu l-logistika. Jghid li darba fost l-ohrajn cempillu u qallu li kellu bzonn ikellmu. Gieghlu jpoggi bilqieghda u avzah li kellu problema fis-sens li ma kienx qed jaqbel bejn ix-xoghol supplit u x-xoghol li qed jinbiegh. Jghid "*U jiena speci bdejt nghid 'imma jien fiex nidhol?' Qalli hawnhekk 'inti ggibu x-xoghol!' Ghidtlu, 'ix-xoghol vera jien ingibu imma jien ix-xoghol inhallih hemm'. Inhalli ktieb hemmhekk jiffirmawh ma nafx min se jigi dak inhar xoghol u allura jien ma nkunx naf min se jigi jiffirma x-xoghol. X'hin immur xil-10am lura hemmhekk, nigbor il-kaxxi l-vojta, jekk ikun hemm xi* returns *jigifieri xi hobza li tkun marret jew inkella li l-karta tkun imqatta', kienet titfahieli fil-kaxxa u nirriplejsjaha dak il-hin. Hekk konna nahdmu, b'din is-sistema. Dak inhar hu kien qalli jekk fil-kaz indahhal il-pulizija. Jien ghidtlu li jekk irid idahhal il-pulizija jista' jdahhal il-pulizija kemm irid. Ghidtlu pero' l-ebda* salesman *ma jixtieq jitlef* supermarket *bhal dak ghax jehodlok ix-xoghol. Jien ghidtlu mhux ahjar tara x'hemm forsi hemm xi zball minn naha tieghek, ghax jien hemm ma nidholx hlief biex intih il-hobz. Bqajna li se jara d-differenza li hemm. Dak il-hin stess mort ghidt lis-Sur Mark mill-ewwel, dak inhar stess mort nghidlu li tal-GS qalli dan id-diskors u li jien mhux qed naqbel mieghu. Ghaddiet u jien komplejt naghtih ix-xoghol lis-Sur Mintoff. Bejn xahar u nofs jew xahrejn wara, jibghat ghalija s-Sur Mark u qalli 'ghandi bzonn inkellmek'. Qalli 'tal-GS qabad u qata' €3,000' u jien ghidt ara qabad u hallas mela ghax dak kien ikollu hafna kontijiet mieghi bix ihallas b'lura. Qalli 'mhux hekk, dak qata' €3,000 lili u jien se nitfahom fuqek!' Ghidtlu 'ta' xiex dan?' Is-Sur Mark qalli li Ray Mintoff ghamel hekk ghax sab diskrepanza ta' €3,000. Ghidtlu 'Sur Mark, dawk minix se nhallashom ghax dawk jekk se nhallashom se jitilqu minn halq uliedi!' U bqajna sal-lum bil-battibekki jien u s-Sur Mark u bqajna ma hallasnihomx. Nghid*

*li wara dan l-incident li ghadni kemm xehedt dwaru ghamilt sentejn nahdem mal-Golden Harvest. Nghid li meta nfethet din il-kawza jien kont qed nahdem mal-Golden Harvest u xi zmien wara jien ma hassejtnix komdu nibqa' nahdem mal-Golden Harvest u kont irrezenjajt*". Ix-xhud jispjega li hu kien jithallas paga minima imbaghad kellu kummissjoni fuq il-fatturat;

Fuq ordni tat-Tribunal, sar konfront bejn Mintoff u l-Konvenut (a fol 90). A skans ta' ekwivoci, it-Tribunal sejjer jirriproduci dak li gie traskritt:

> Mistoqsi mit-Tribunal kif wasal ghal cifra ta' €3,000, Raymond Mintoff jiddikjara li din ic-cifra huwa hadha bhala kalkolu fuq is-sentejn ta' qabel peress li hu qies biss l-ahhar sentejn. Is-Sur Mintoff jiddikjara li wara li hu ghamel il-kalkolu tieghu huwa cempel lil David Farrugia; David Farrugia jichad. Is-Sur Mintoff jghid li huwa ta indikazzjoni lil David Farrugia li c-cifra ma kinitx se tkun zghira. David Farrugia min-naha tieghu jichad li qatt issemmew xi cifri. David Farrugia jghid li tant hu hekk li s-Sur Mark li huwa d-Direttur tal-Golden Harvest qatt ma semmielu cifri. Kieku kien jaf b'cifra kien jaghtihielu mill-ewwel. Is-Sur Mintoff jghid li c-cifra finali ma setghetx tissemma peress li cifra finali f'idejh ma kellux.
>
> Fil-presenza ta' Ray Mintoff, ta' David Farrugia u kif ukoll tar-rapprezentant tal-Golden Harvest it-Tribunal rega' ra l-*footage* tas-CCTV li jinsab in atti (a fol 37) u saru xi osservazzjonijiet fejn min-naha l-wahda l-konvenut iddikjara li hu meta jidher qed johrog kaxxa dak kien qed jiehu xi *returns* minn gewwa s-*supermarket* filwaqt li s-Sur Mintoff jghid li qatt ma awtorizza li jittiehdu *returns* kmieni filghodu. Ir-*returns* li qed jiehu l-Konvenut huwa hobz xott. Minn naha l-ohra is-Sur Mintoff jghid li t-tip ta' hobz li jidher f'dak il-*crate* ma jistax ikun li jkun xott ghax iservi anke sa xahar go dar normali. Is-Sur Mintoff jinsisti li fuq direttiva tieghu huwa ma jistax jiehu prodotti filghodu minn gewwa s-*supermarket*.

Ikkunsidra;

Illi qabel xejn it-Tribunal irid jirrileva li l-azzjoni odjerna hija bejn il-kontendenti u certament li la Raymond Mintoff u lanqas in-negozju li hu jiggestixxi mhuwa parti ghal din il-kawza. Dan qieghed jinghad ghaliex mill-assjem tal-provi irrizulta car li l-azzjoni odjerna hija ppernjata fuq kalkoli li l-istess Mintoff ghamel u li imbaghad ghadda sabiex inaqqashom mill-ammont dovut lis-Socjeta Attrici li da parti taghha qed tippretendi li din is-somma tintradd lura mill-Konvenut. Fil-kaz odjern, l-allegazzjoni qieghdha ssir da parti tas-Socjeta Attrici u dak li xehed Raymond Mintoff jista' biss jikkostitwixxi prova.

Illi sabiex tkun tista' tigi deciza l-ewwel eccezzjoni jehtieg li t-Tribunal iqis il-provi li ghandu quddiemu, in kwantu jqis li ma jistax jasal ghal decizjoni dwar din l-eccezzjoni jekk qabel xejn ma jqisx id-dinamika tal-fatti li gew prezentati;

Ikkunsidra;

Illi hu ben risaput li min jallega jrid jipprova t-talba tieghu. Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Tonna *vs* Philip Azzopardi" deciza fit-12 ta' April, 2007 irriteniet li fis-sistema taghna, ir-regoli l-aktar prevalenti dwar il-provi jidher li huma dawn:

> Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sia

fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*).[1]

Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'.[2]

Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi ddecizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti a bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

Illi mhemmx dubju li l-valutazzjoni tal-provi tmiss lill-gudikant li ghandu d-diskrezzjoni li japprezza r-rizultanzi probatorji u li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jidher li l-azzjoni ttiehdet minn principal kontra impjegat. Madankollu, minn dak li xehed Mark Aquilina jidher car li da parti tas-Socjeta Attrici ma saru ebda verifiki izda qaghdu fuq l-allegazjonijiet li ghamel Raymond Mintoff. Aquilina xehed li mghandux prova li dak li allega d-direttur tal-GS Supermarket sal-punt li ma kienx ra l-*footage* li gie pprezentat minn Mintoff. Mill-banda 'l ohra ma ddejjaqx jistqarr li l-obbligu tieghu hu li jmewwet l-affarijiet u li ma jhassarx kummerc. Fl-ebda mument ma qal li kien hemm xi ftehim mal-Konvenut, kif allega Mintoff. Fil-fehma tat-Tribunal, mhuwiex verosimili dak li xehed Mintoff li kien hemm ftehim bejn il-GS Supermarket u l-partijiet odjerni. Fil-fehma tat-Tribunal, dak li ssuccieda kien li wara li sar "arrangament" bejn iz-zewg kumpanniji, is-Socjeta Attrici qieghdha tippretendi li tirkupra l-ammont li tilfet minghand il-GS Supermarket minghand il-Konvenut. Dan johrog ukoll mill-fatt li ghad li kien Mark Aquilina li tkellem mal-Konvenut, kienet persuna ohra li hadet hsieb li jittiehdu passi kontra l-Konvenut – li fuq kollox inzamm impjegat mal-istess Socjeta Attrici! Bir-rispett kollu, kieku impjegat inqabad jabbuza fuq il-post tax-xoghol u rrenda ruhu responsabbli ghal telf ta' €3,000, certament li kellhom jittiehdu fil-konfront ta' tali impjegat mizuri ta' natura industrijali. Fil-kaz odjern, dawn ma ttiehdux ghaliex kif stqarr Aquilina meta xehed, ma kienx hemm provi fil-konfront tal-Konvenut. Mill-banda 'l ohra, irrizulta car li s-Socjeta Attrici ma riedetx tiehu passi fil-konfront tal-klijent taghha izda riedet tillimita l-azzjoni kontra l-impjegat;

Illi din hija t-triq li ghazlet is-Socjeta Attrici u kwindi meta harrket lill-Konvenut kienet taf x'inhi taghmel u l-fatt li terzi ma gewx imharrka ma sarx bi zball jew omissjoni izda b'ghazla cara;

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Konvenut ma tregix u se tigi michuda;

Ikkunsidra;

Illi dan madankollu jgib lit-Tribunal sabiex iqis id-dinamika tal-fatti fid-dawl tat-tieni eccezzjoni;

---

[1] *Vide* f'dan is-sens "Francesca Mallia *vs* Salvatore Guillaumier" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962 (Koll. XLVI.i.5)

[2] *Vide* f'dan is-sens "Joseph Zammit *vs* Joseph Hili" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 1953 (Koll. XXXVII.i.577)

Illi x-xhieda ta' Aquilina qajla tghin l-azzjoni attrici u fil-fehma tat-Tribunal, ix-xhieda ta' Mintoff mhijiex bizzejjed biex issostni l-azzjoni attrici. Bir-rispett kollu, minbarra l-fatt li t-Tribunal mghandux ness car quddiemu bejn dak li qed jigi allegat u l-Konvenut, lanqas li dan kien il-kaz, l-ammont pretiz irid jigi ppruvat u mhux stmat. Huwa sinifikattiv dak li ssottometta l-abbli difensur tal-Konvenut fit-trattazzjoni li minn ezami tal-prospett a fol 39 jidher li fil-perjodu meta tnaqqset is-somma ta' €3,000, il-kont tal-GS Supermarket kien fl-ghola livell li qatt kien. Dan ikompli jdahhal id-dubji dwar il-motiv reali wara l-ilmenti li saru da parti tad-dirigenza tal-GS Supermarket.

Illi huwa rilevanti li l-fatti premessi fl-avviz tat-talba huma kemmxejn differenti minn dak li rrizulta mill-provi ghaliex fil-waqt li l-avviz jitkellem dwar *returns* li ma waslux ghand is-Socjeta Attrici, Raymond Mintoff qieghed dejjem jinsisti li kien hemm agir illecitu da parti tal-Konvenut. Certament li konvenut f'kawza ghandu jedd li jiddefendi ruhu kontra talba attrici billi jkun jaf kjarament x'qeghdin jitolbu l-istess atturi u liema dispozizzjoni tal-ligi jew istitut qeghdin jippernjaw t-talba taghhom.[3]

Illi fil-fehma tat-Tribunal, is-Socjeta Attrici kienet spinta mill-fatt li l-GS Supermarket huwa klijent tajjeb ghaliha u ma riedetx thassar relazzjonijiet. Huwa sinifikattiv li meta saret il-kawza, Aquilina ma kienx f'qaghda li jghid x'kien ezatt l-ammont pretiz. Mill-banda 'l ohra, huwa sinifikattiv ukoll li minkejja li fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2015 (a fol 85), it-Tribunal ordna li d-dokumenti voluminizi li kienu gew prezentati *animo ritirandi* jigu irtirati u minflok jitressqu biss dawk li huma rilevanti ghall-kaz, baqa' ma tressaq xejn;

Illi kunsidrat dan kollu, it-Tribunal iqis li dan mhuwiex il-mod kif ghandhom jitressqu l-kawzi billi minn dak li xehed Mark Aquilina, ma kien hemm l-ebda prova f'idejha li ssahhah it-talba taghha stess fil-konfront tal-Konvenut u strahet fuq dak li qalilha Mintoff. Kunsidrat dan kollu, wiehed jasal ghall-konkluzjoni li din il-kawza mhi xejn ghajr azzjoni frivola jew vessatorja fil-konfront tal-Konvenut u ghalhekk se jittiehdu passi fit-termini tal-ligi fil-konfront tas-Socjeta Attrici.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Konvenut, jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Konvenut, jichad it-talba attrici u billi jirrizulta li t-talba odjerna hija vessatorja jew frivola, b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Art. 10(3) tal-Kap. 380, it-Tribunal qieghed jordna lis-Socjeta Attrici thallas lill-Konvenut penali ta' mitt euro (€100) liema penali tkun dovuta bħala dejn ċivili. Spejjez ta' dina l-kawza jkunu a karigu tas-Socjeta Attrici.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*

[3] *Vide* f'dan is-sens "Joseph Barbara *et vs* Joseph Meli Bugeja *noe*" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Dicembru 1967